MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1863/2003/1

**Middlesea Insurance p. l. c. (C5553) *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Bernard Gauci sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Bernard Gauci**

**vs**

**Karl Vella u b' digriet tat-23 ta' Ottubru 2003 GasanMamo Insurance Limited interveniet fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Jannar, 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 2004, fejn intalab l-ammont ta' elf lira, mija u

disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1190.65) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-12 ta’ Marzu, 2002 f’Qasam Industrijali, Birkirkara bejn vettura numru ta’ registrazzjoni HAI 716 misjuqa mill-konvenut u proprjeta’ ta’ Guzeppi Vella u vettura numru ta’ registrazzjonI BON 999 misjuqa minn Bernard Gauci, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult legali (Lm6.00) u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikurattrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta’ Karl Vella prezentata fil-21 ta’ Ottubru, 2004, fejn intqal:

1. Illi ghalkemm il-konvenut mhux qed jikkontesta r-responsabbilta’ tieghu ghall-incident vis a vis il-vettura misjuqa minn Stephen Gauci, l-ammont mitlub mill-atturi huwa esagerat u ma jirriflettix l-hsara illi attwalment saret fil-vettura BON 999.
2. Illi l-atturi ma jistghux jippretendu illi jqisu l-vettura BON 999 bhala total loss u jitolbu l-valur taghha bhala tali u fl-istess nifs jibqghu izommu ghandhom l-istess vettura, liema vettura ghandha tinghata lill-konvenut f’kaz li dan ihallas ghal total loss.
3. Illi fic-cirkostanzi, l-konvenut ma ghandux ibati l-ispejjez tal-kaz.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Semgha x-xhieda ta’ John Lentini, Bernard Gauci, Peter Bonnici, Stephen Gauci, Joseph Vella, Anatole Baldacchino, Felix Busuttil. Ra l-atti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-12 ta' Marzu, 2002 fil-Qasam Industrijali B'Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BON 999 misjuqa minn Stephen Gauci proprjeta' ta' l-attur u l-vettura HAI 716 misjuqa minn Karl Vella u proprjeta' ta' Guzeppi Vella.
2. Jibda biex jinghad illi mhux qed jigi kontestat illi l-incident gara tort tal-konvenut pero' qed jigi kontestat l-ammont inkwantu l-vettura qed titqies bhala *total loss* u fl-istess hin qed jibqghu jzommu din l-istess vettura.
3. John Lentini ghas-socjeta' Allcare Insurance Agency Limited rapprenzentanta tas-socjeta' attrici xehed illi kienu hallsu l-ammont ta' elf mija hamsa u sebghin lira, kif ukoll tnax-il lira u hamsa u sittin centezmu ghas-survey report u tlett liri ghar-road accident report. L-istess xhud innota illi r-wreck value tal-vettura kien ta' mija u hamsa u ghoxrin lira.
4. Peter Bonnici surveyor kien ghamel is-survey fuq il-vettura BON 999 u kkonferma li l-valur taghha qabel l-incident kien ta' elf u tlett mitt lira.
5. Skond Joseph Vella missier Karl Vella l-vann in kwistjoni wara l-incident kien maqlub, ghalhekk in-nies kienu regghu qalbuh f'postu, tawh id-diesel, startjawh u baqa' sejjer. Dana x-xhud ighid li wara xi granet kien mar il-fabbrika tal-proprjetarju tal-vann. Huwa jghid illi ra l-vann bid-daqqiet pero' kien qieghed jinsaq. L-istess Joseph Vella sussegwentement kien ha lil certu Felix Busuttil mieghu.
6. Felix Busuttil, li jigi nominat bhala espert mill-Qorti fuq kwistjonijiet ta' vetturi, jikkonferma illi ra l-vann pero', ghalkemm ighid li ma deherlux li kellu problemi biex idahhal il-gear, qal li biex tittestja l-*gear box* trid tittestjaha bis-sewqan fit-tul, haga li ma ghamilx. L-istess xhud ma kienx f'posizzjoni jaghti valur tal-vettura.
7. L-attur Bernard Gauci ma setghax jikkonferma jekk il-vann ghadux jintuza. Huwa qal li l-vettura in kwistjoni ghandha xi ghaxar snin.
8. Mix-xhieda mismugha t-Tribunal hu sodisfatt illi l-ammont globali ta' danni li garrab l-attur bhala *total loss* huwa fl-ammont ta' elf mija disghin lira u hamsa u sittin centemzu (Lm1190.65) u dana tenut kont ta' l-istima maghmula mis-surveyor dwar kemm kienet tiswa l-vettura qabel l-incident u tenut kont tar-wreck value taghha. Ma

hemmx dubbju mis-survey report a fol 16 tal-process li l-vettura kienet *beyond economical repair* u li l-problema principali kienet fil-gear box. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf mija disghin lira u hamsa u sittin centemzu (Lm1190.65). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum.

L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji f' dawn it-termini:-

(i) Is-sentenza hi nulla in kwantu t-Tribunal ma kkonsidrax u ma ddecidiex l-eccezzjonijiet ulterjuri minnu sollevati. F' dan il-kuntest huwa jirrikorri ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 789 (1) (c) u 790 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(ii) F' kull kaz it-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi migjuba. Dan, skond l-appellanti, fuq zewg livelli: (a) l-attur Bernard Gauci ma kienx sid il-vettura involuta fl-incident u li dwarha ntalbu d-danni u (b) it-Tribunal strah fuq ix-xhieda ta' Peter Bonnici biex issodisfa ruhu li l-atturi garrbu danni bhala "*total loss*", anke jekk din ix-xhieda kienet kontradetta u, ukoll, kellha titqies inaffidabbli;

B' mod generali dwar l-ewwel aggravju jibda biex jigi osservat illi minn ezami ta' bosta decizjonijiet il-gudikatura prattika minn dejjem ippropendiet biex, safejn kien legittimament possibbli, issalva l-atti, anzikke` tannullahom. Dan anke fil-kaz ta' sentenzi billi, kif drabi ohra mtenni, "*gli articoli 799 e 800 delle citate leggi* (illum, Artikolu 789 u 790 tal-Kapitolu 12) *sotto le rubrica 'delle*

*ecccezioni di nullita` di atti giudiziari' contemplano altresi i decreti e le sentenze dei tribunali"* (**Kollez. Vol. XXVII P I p 465**);

Dan premess, l-appellanti jinkwadra n-nullita` tas-sentenza minnu eccepita fil-parametri tas-subinciz 1 (c) ta' l-Artikolu 789, jigifieri, li fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`, fejn dik il-vjolazzjoni tkun gabet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju li ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;

Fir-realta` processwali huwa ovvju minn ezami tas-sentenza appellata illi lit-Tribunal sfuggietlu ghal kollox l-ezistenza ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri sottomessi mill-konvenut appellant fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2004 (fol. 54) billi dwarhom, fis-sentenza, ma nsibu ebda accenn. Pregudizzju dan serju li ma jistax jissewwa hlief billi s-sentenza tigi annullata;

Komplimentari ma' dan, lanqas ma jista' jinghad li dik is-sentenza hi sostanzjalment gusta gjaladarba l-eccezzjonijiet ulterjuri mqanqla mhux biss ma gewx valjati fis-sustanza taghhom izda, adirittura, gew injorati kompletament. Issa huwa veru li t-Tribunal ghandu jmexxi l-kawzi sommarjament u bl-akbar heffa imma, imbaghad, hu mistenni wkoll li dan jaghmlu kompatibilment ma' l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja, b' mod li jokkupa ruhu mid-difiza shiha tal-parti azzjonata. Jekk jonqos li jaghmel dan, sostanzjalment, is-sentenza ma tistax hlief titqies ingusta u dan jaghti lok ghall-annullament taghha. F' cirkostanzi simili ma jistax ikun qatt dubitat illi l-Qorti ghandha tghaddi biex tilqa' l-aggravju. Dan fis-sens li tiddikjara s-sentenza appellata irritwali, nulla u bla effett fil-ligi in kwantu ma gietx deciza in bazi ghall-eccezzjonijiet kollha dedotti. B' danakollu, in vista ta' dak mahsub fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995 ser tghaddi 'l quddiem biex hi stess tikkonsidra l-vertenza, s' intendi fl-ambitu, ukoll ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati;

Jigi qabel xejn osservat illi l-impostazzjoni ta' l-appell hi kjarament fis-sens li dak li qed jigi kontestat mhix ir-responsabilita` tal-konvenut ghad-danni derivanti mill-habta (ara l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut) imma l-likwidazzjoni ta' l-istess danni. Anke din il-materja pero` ma tistax tigi konsiderata qabel ma jigu epurati u decizi l-eccezzjonijiet ulterjuri mqajma fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2004 quddiem it-Tribunal. Eccezzjonijet dawn li mahsuba biex jattakkaw l-interess guridiku ta' l-attur Bernard Gauci u li, per konsegwenza, l-appellanti qed isostni illi hu ma ghandu xejn x' jirrispondi versu s-socjeta` attrici assiguratrici;

In kwantu jikkoncerna dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri l-fatti essenzjali huma dawn:-

(1) Mill-polza ta' l-assigurazzjoni esebiti f' dawn l-atti jirrizulta li l-assigurat riferibilment ghall-vettura Numru ta' Registrazzjoni BON 999 hu Bernard Gauci;

(2) L-imsemmi Bernard Gauci jiffigura wkoll bhala s-sid registrat tal-vettura fuq il-Vehicle Registration Document (fol. 59) anke jekk hawn ta' min jirrileva illi immedjatament taht ismu tissemma wkoll is-socjeta` Carant Trading Limited;

(3) L-istess Bernard Gauci *ex-admissis* jistqarr a fol. 56 li l-vettura *de qua* hi proprjeta` tal-kumpanija Carant Trading Limited u hekk kienet fi zmien ta' l-incident. Jghid ukoll illi l-hlas tal-*premia* isiru minn din il-kumpanija;

Jirrizulta li s-socjeta` assiguratrici attrici agixxiet in virtu tas-surroga legali li, kif jinghad fl-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili, issehh *ipso jure* favur "ta' dak li kien obbligat ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu" [subpara. (c)]. Tali surroga ggib li s-socjeta` assiguratrici takkwista b' titolu derivattiv d-drittijiet ta' l-assigurat taghha u dan jintitolaha tissubentra fl-istess

posizzjoni identika, sostanzjali u processwali, ta' l-assigurat fil-konfront tat-terz, awtur tal-fatt dannuz. Ghall-esposizzjoni aktar ampja fuq din it-tematika ara decizjoni ta' din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Ltd *nomine* -vs- Raymond Azzopardi**", 25 ta' Frar 2004;

Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tad-difiza li hi opponibbli mid-danneggjant lill-assiguratur;

Jinsab deciz mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**3 ta' Frar, 1999 numru 919**), b' referenza ghall-Artikolu 1916 tal-Kodici Civili Taljan (korrispondenti, anke jekk bi kliem differenti, ghall-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili taghna succitat), illi "*quando l' assicuratore agisce nei confronti del terzo responsabile, questi, mentre non puo valere ragioni di annullabilita`, rescissione o risoluzione del contratto* (ta' l-assigurazzjoni)*, deducibili soltanto dall' altro contraente, è legittimato a contrastare, in via d' eccezione, i presupposti della surrogazione medesima, e, quindi, puo` opporre la nullita` del contratto stesso, inclusa quella per inesistenza del rischio o per carenza di interesse, oppure l' avvenuto pagamento dell' indennizzo a persona diversa dal titolare del relativo diritto. In tale caso è necessario che l' assicuratore esibisca la polizza, ovvero provi in altre forme documentale il contenuto del contratto, non essendo sufficiente il solo richiamo al numero di polizza contenuta nella quietanza rilasciata dal terzo danneggiato*";

Fl-ambitu ta' din l-enuncjazzjoni u ta' dak li rrizulta mill-provi akkwiziti fil-process, dak li fil-fehma ta' din il-Qorti jista' jinfluwixxi fuq is-soluzzjoni tal-kwestjoni hu dan li gej:-

(1) Kif konfessat, Bernard Gauci ma kienx sid il-vettura li ssubiet il-hsara b' konsegwenza tal-fatt illecitu akwiljan. Li jfisser li hu ma ghandux l-interess dirett, legittimu u attwali in relazzjoni ghar-rizultament utli li, fil-

veste ta' attur, jipprometti lilu nnifsu bl-azzjoni (ara **Kollez. Vol. XXV P I p 250** u **Vol. XLV P I p 58**);

(2) Huwa veru li *ex contractu* Bernard Gauci jiffigura fil-polza ta' assigurazzjoni bhala l-assigurat. Imma gjaldarba huwa ma kienx sid il-vettura assigurata li sofriet id-dannu, ma setax jghaddi drittijiet naxxenti *ex-delicto* lis-socjeta` assiguratrici. Dawn id-drittijiet kienu jispettaw lil veru proprjetarju tal-vettura, ossija s-socjeta` Carant Trading Limited;

(3) L-assigurazzjoni kienet tkopri r-riskji relatat mal-vettura BON 999. Meta sehh l-avveniment dannuz is-socjeta` assiguratrici attrici indennizzat lil Bernard Gauci. Dan pero`, kif *ex abundantia* rilevat, ma kienx il-veru sid u fir-realta` ma bata ebda telf. La hu personalment ma kellux dritt ta' azzjoni kontra t-terz konvenut ma setax strettament, jipprovdi x' jipprovdi l-kuntratt ta' assigurazzjoni, jghaddi dritt ta' azzjoni *ex delicto* lis-socjeta assiguratrici;

(4) Wiehed ma ghandux jinsa illi s-surroga legali ta' l-assigurazzjoni li tkun hallset l-indenniz tattiva ruhha taht forma ta' successjoni b' titolu partikolari fil-kreditu ta' l-assigurat di fronte ghat-terz responsabbli. Gjaladarba, ghar-ragunijiet gja indikati, Bernard Gauci ma setax kellu din il-veste ta' kreditur (intiza din il-kelma fis-sens naturali u ampju taghha) billi qatt ma kien sid il-vettura assigurata s-socjeta` attrici ma tistax tivvanta li akkwistat drittijiet kreditrici minghandu billi dan qatt ma kien it-titolar tal-vettura assigurata u allura wkoll kien jonqos fih id-dritt ta' azzjoni kontra l-konvenut;

Fermi dawn il-ftit riflessjonijiet din il-Qorti ma ssibx raguni biex ma takkoljix l-eccezzjonijiet ulterjuri sottomessi mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tirritjeni fondati l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut tal-karenza ta' l-interess u b' hekk, filwaqt li takkolji l-appell interpost u

thassar is-sentenza appellata ghar-ragunijiet provvduti, tichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------